# TUL 400 SENA PARROĊĊA



**LEONARD AGIUS**
***Settembru 1992***

Is-sena 1992 għal min tassew iħobb lill-Parroċċa tagħna hija sena speċjali iktar minn snin oħra. Dan għaliex nhar id-29 ta' Mejju 1592 missirijietna qatgħu x-xewqa tagħhom – ir-raħal ta' Ħal Kirkop sar Parroċċa ddedikata lil San Leonardu Abbati, Qaddis, li kellhom imħabba u devozzjoni kbira lejh. Dan sar fuq digriet ta' l-Isqof Gargallo. Sa qabel l-1500 Ħal Kirkop kien diġà jeżisti, tant hu hekk li flok il-knisja preżenti kien hemm żewġ knejjes – waħda ddedikata lil Santa Marija u l-oħra lil San Leonardu. Dawn kien jagħmlu mill-Parroċċa ta' Bir Miftuħ.

L-isem Kirkop aktarx ġej minn familja li kienu jinnegozjaw il-ġlud ta' l-annimali u l-qoton. Dawn kienu jsibuhom "ta' Perkopju" li maż-żmien inbidel f'Chircop jew Kirkop. Meta Ħal Kirkop sar Parroċċa fl-1592, Ħal Safi u l-Imqabba kienu jagħmlu miegħu. Tant hu hekk, li f'tarf ir-raħal, fejn illum hemm il-Housing Estate jew kif inhu magħruf "Kirkop 2", hemm speċi ta' triq mibnija 'l fuq mill-għalqa li aħna nsibuha bħala "L-imtali" jew "Il-mitla". Dan il-passaġġ kien iservi biex il-kappillan ta' Ħal Kirkop imur bil-vjatku u jamministra s-sagramenti fl-iqsar triq possibli ta' dak iż-żmien.

Insibu wkoll li fil-marda tal-pesta tal-1675 f'Ħal Kirkop kien hemm dar kbira li kienet isservi ta' sptar għal dawk l-irħula viċin. L-ewwel kappillan kien Dun Karlu Taliana. Matul dawn l-400 mitt sena l-knisja ġiet imkabbar kemm il-darba, eżempju fl-1706 ġiet imtawla b'faċċata ġdida, fl-1860 nbnew il-kampnari fuq disinn ta' Ġużè Debono, fl-1878 reġgħu nbnew oħrajn ġodda fuq disinn ta' Ġużè Cristoforo u ta' l-imgħallem Nardu Ellul. Il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Labini fl-10 ta' Novembru 1782. F'din il-medda ta' żmien il-knisja tagħna żżejnet b'diversi opri. Insibu li fl-1862 sar l-arloġġ tal-ħin u l-ġranet, xogħol ta' l-arluġġar Mikiel Angelo Sapiano. Dan kien it-tieni arloġġ tal-knejjes li għamel Sapiano u li għadu jaħdem sal-lum. Fl-1751 sar l-kwadru tal-kor. Fl-1768 il-poplu ġabar u għamel sfera tal-fidda bbanjata bid-deheb u mżejna b'ħaġar prezzjuż għall-benedizzjoni sagramentali għall-festa tat-titular. Fl-1808 sar lampier tal-fidda. Fl-1863 sar salib tal-kleru tal-fidda wkoll. Fl-1881 sar id-damask kollu tal-knisja. Franġisku Cassar ħallas għalih is-somma ta' 6,000 skud (Lm500). Fl-1877 saret l-istatwa l-qadima ta' San Leonardu xogħol ta' Karlu Darmanin. Fl-1790 l-Papa Piju VI irregala lill-Parroċċa l-Crop ta' San Benedittu Martri, permezz tal-kleriku Ġużeppi Maria Ċallus. Fl-1945 sar il-ventartal arġentat bil-fidda disinn ta' Antonio Sciortino. Fl-1949 saret l-istatwa ta' San Leonardu, xogħol fl-injam mid-ditta "Ferdinandu Stuflesser-Ortisei Bolzano Italia" – il-benefatturi kienu Ġużeppi Falzon u Luigi Spiteri. Fl-1961 sar pedestal tal-istatwa disinn ta' Joe Galea, Rabat – Malta – il-benefattur kien l-ex-kappillan Mons. Franġisku Xuereb. Fl-1962 saret girlanda tal-gonatel benefattur Indrin Farrugia.

Ħuti Kirkoppin, hemm ħafna x'wieħed jikteb fuq il-Parroċċa maħbuba tagħna iżda l-ispazju ma jippermettihx. Nixtieq nispiċċa b'din in-nota, li f'dan l-avveniment kbir hu ta' għajb kbir li kien hemm xi wħud li għawġu l-verità li l-Parroċċa ta' Ħal Kirkop 400 sena ilu ġiet iddedikata lil San Leonardu Abbati.